MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 3497/1996/1

**Joseph Raymond Aquilina**

***Versus***

**Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni**

F'din il-kawża l-attur qiegħed jitlob illi l-qorti tgħid illi ma jiswewx żewġ rapporti magħmula mill-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni.
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fis-17 ta' Ġunju 1996 u fil-21 ta' Ġunju 1996 saru żewġ rapporti fil-każ numru 87 quddiem il-kummissjoni konvenuta. Meta tħejjew u kienu adottati dawn ir-rapporti, iżda, il-kummissjoni ma kinitx kostitwita, u ma ltaqgħetx regolarment kif trid il-liġi, b'mod illi r-rapporti ma kinux adottati wara deliberazzjoni tal-kummissjoni iżda biss mill-membri individwali tagħha. Għalhekk ir-rapporti, għad illi nħarġu bħala atti tal-kummissjoni, ma jiswewx u ma humiex atti tal-kummissjoni, għax saru irregolarment u bla ma tħares dak li trid il-liġi.

L-attur sofra ħsara fir-reputazzjoni tiegħu minħabba fid-deċiżjonijiet miġjuba fir-rapporti, u għalhekk għandu interess li tingħata sentenza tal-qorti li tgħid illi dawk ir-rapporti ma humiex regolari.

Għal din ir-raġuni l-attur fetaħ din il-kawża u qiegħed jitlob illi l-qorti tgħid illi ma jiswewx ir-rapporti tas-17 ta' Ġunju 1996 u tal-21 ta' Ġunju 1996 fil-każ numru 87 quddiem il-kummissjoni konvenuta. Qiegħed jitlob ukoll l-ispejjeż ġudizzjarji, fosthom dawk ta' ittra uffiċjali tat-3 ta' Diċembru 1996.

Il-kummissjoni konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet[1]:

1. fil-każ numru 87 quddiem il-kummissjoni konvenuta l-attur kien biss xhud u għalhekk ma għandu ebda interess ġuridiku fit-talbiet magħmula fiċ-ċitazzjoni;

2. l-art. 3(8) ta' l-Att XXII ta' l-1988 ġKap. 326ħ, li bih twaqqfet il-kummissjoni, igħid illi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha l-kummissjoni ma għandhiex tkun soġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra, u għalhekk din l-azzjoni tallum ma setgħetx issir;

3. l-art. 9(2) ta' l-Att XXII ta' l-1988 igħid illi l-proċedura li timxi biha l-kummissjoni fl-investigazzjonijiet tagħha għandha tkun dik li lilha tidhrilha xierqa fiċ-ċirkostanzi tal-każ, u għalhekk "ma jagħmilx sens" li jingħad illi r-rapporti saru mingħajr ma tħarset il-proċedura;

4. l-art 15 ta' l-Att XXII ta' l-1988 iżomm lill-membri tal-kummissjoni u lill-uffiċjali u lill-impjegati tagħha milli jikxfu dak li jsiru jafu bih waqt jew għall-għanijiet ta' xi investigazzjoni, u ma jistgħux jissejħu biex jixhdu f'xi proċeduri; anzi, tista' tingħatalhom piena taħt l-art. 133 tal-Kodiċi Kriminali jekk jikxfu xi tagħrif bħal dak; u

5. bħala fatt ma hux minnu dak li ngħad li ġara waqt l-investigazzjoni tal-każ numru 87, billi dik l-investigazzjoni tmexxiet bl-akbar serjetà u ġustizzja, u l-fatt li sar rapport minoritarju mhux biss juri li l-membri mxew b'libertà u skond il-kuxjenza tagħhom, iżda wkoll din hija l-proċedura normali li fuqha jimxu korpi kolleġġjali meta ma jkunx hemm unanimità bejn il-membri tagħhom.

B'rikors ta' l-14 ta' Mejju 1999[2] il-kummissjoni konvenuta talbet li titħalla tressaq eċċezzjoni ulterjuri, u b'dikriet tat-3

---

1 *Fol.* 146.

ta' Marzu 2000[3] il-qorti laqgħet it-talba. Il-konvenuta għalhekk b'nota ta' l-14 ta' Marzu 2000[4] ressqet eċċezzjoni ta' nullità tal-proċeduri taħt l-art. 18 ta' l-Att XXII ta' l-1988 ġKap. 326ħ, iżda din l-eċċezzjoni kienet miċħuda b'sentenza tat-22 ta' Frar 2002[5].

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

L-Avukat Wenzu Mintoff b'ittra tat-18 ta' Mejju 1992 talab illi l-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ġ"il-kummissjoni"ħ tistħarreġ dwar rapport ta' l-Awditur Ġenerali fejn dan jittratta dwar diskrepanzi ta' flus u nuqqasijiet oħra fit-tmexxija ta' l-*Auxiliary Workers and Training Scheme*. Wara li nstemgħu numru ta' xhieda, tħejja abboz ta' rapport miċ-*chairman*, l-Avukat Albert Camilleri, u l-membri tal-kummissjoni kellhom jiltaqgħu biex jiddiskutuh. Din il-laqgħa kellha ssir fit-3 ta' Ġunju 1996.

Ġara illi wieħed mill-membri tal-kummissjoni, l-Avukat Tonio Azzopardi, ma setax jattendi dakinhar għax kien sejjer isiefer u għarraf lis-segretarju dwar dan. Dr Azzopardi wkoll ma kienx jaqbel ma' wħud mill-osservazzjonijiet li kienu jidhru fl-abbozz u ried illi l-kummissjoni tkompli tiddiskuti dwarhom.

Iċ-*chairman* tal-kummissjoni ma fehemx illi Dr Azzopardi ma kienx jaqbel għal kollox mar-rapport imħejji minnu, u fehem, minflok, illi Dr Azzopardi kien jaqbel mal-konklużjonijiet u xtaq biss jagħmel xi kummenti dwarhom. Għalhekk qabbad lis-segretarju jgħid lil Dr Azzopardi jagħmel il-kummenti bil-miktub qabel ma jsiefer sabiex hu u t-tielet membru tal-kummissjoni, l-Avukat Carmelo Testa, iqisuhom fil-laqgħa tat-3 ta' Ġunju 1996.

Ġara li s-segretarju ma sabx lil Dr Azzopardi biex jagħtih l-istruzzjonijiet taċ-*chairman*, u l-kummenti bil-miktub ma sarux. Meta saret il-laqgħa tat-3 ta' Ġunju 1996 bejn iċ-*chairman* u Dr Testa, dawn, billi kienu jaħsbu illi Dr Azzopardi kien jaqbel ma' l-abbozz u ma kellhomx il-kummenti tiegħu bil-miktub, approvaw l-abbozz.

---

2 *Foll*. 163 *et seq.*

3 *Foll*. 172 *et seq.*

4 *Fol*. 174.

5 *Foll*. 194 *et seqq.*

Meta mbagħad Dr Azzopardi ġie lura Malta, ma riedx jiffirma r-rapport. Il-kummissjoni reġgħet iltaqgħet darbtejn oħra iżda ma kienx hemm qbil. Dwar x'ġara tassew f'dawk iż-żewġ laqgħat ukoll ma hemmx qbil. Dr Camilleri qal hekk:

ġDr Azzopardiħ … … … told ġthe secretary of the commissionħ that he could not sign the report as approved.

On being informed of this by the secretary I fixed a sitting for June 10, when Dr Azzopardi's submissions were discussed. As there was no agreement another sitting was held on June 12 to continue discussing the points raised by Dr Azzopardi. As a consensus could not be reached in spite of dedicating two whole sittings to the matter I told Dr Azzopardi that he had one of two options: either to accept the view of the majority and sign the report or to prepare a minority report. The Commission decided that the approved report should not be sent to the minister before June 14 to allow Dr Azzopardi time to decide what he intended to do.

Dr Azzopardi opted for preparing a minority report. … … …

Dr Azzopardi min-naħa l-oħra qal hekk:

Dr Camilleri was resolute not to reconsider Case 87 following my return to Malta and would only allow debate on the 'approved' report. Strictly speaking, on June 10 the merits of the case were not discussed at all. The discussion was limited to what had actually taken place within the Commission. On June 12 I discussed with Dr Camilleri and Dr Testa the merits of Case 87, to no avail; the draft report had already been approved on June 3.

Ir-rapport kien iffirmat biss miċ-*chairman* u minn Dr Testa, u fis-17 ta' Ġunju 1996 is-segretarju tal-kummissjoni bagħat dan ir-rapport lill-ministru b'nota illi Dr Azzopardi ma kienx jaqbel ma' partijiet minnu u kellu jħejji rapport minoritarju. Ir-rapport minoritarju ntbagħat lill-ministru fis-17 ta' Ġunju 1996.

Fir-rapport iffirmat miċ-*chairman* u minn Dr Testa hemm xi kummenti dwar l-attur illi l-attur jidhirlu li ma humiex korretti u jagħmlulu ħsara lill-fama tiegħu. Għalhekk fetaħ il-kawża tallum biex jitlob illi l-qorti tgħid illi r-rapport ma jiswiex għax ma kienx adottat wara deliberazzjoni mill-

kummissjoni. Il-kummissjoni iżda tgħid illi l-attur kien biss xhud u għalhekk ma għandux l-interess ġuridiku meħtieġ biex ikun jista' jagħmel it-talbiet li għamel.

Tassew illi l-attur issejjaħ bħala xhud quddiem il-kummissjoni, iżda ir-rapport iffirmat miċ-*chairman* u minn Dr Testa effettivament jibdel il-figura ta' l-attur minn dik formali ta' xhud għal dik effettiva ta' wieħed investigat, tant illi hemm osservazzjonijiet bħal dik illi tgħid illi ma kienx qiegħed jagħmel id-dover tiegħu sewwa, illi l-imġieba tiegħu kienet irresponsabbli, illi ma kienx tajjeb għax-xogħol li daħal għalih, u illi ħoloq "montatura intiża biex taqla' l-inkwiet"[6].

Dawn l-osservazzjonijiet fir-rapport huma effettivament ġudizzji li ma jagħmlux ġieh lill-attur u jagħtuh interess li jfittex li jħares ismu u l-fama tiegħu.

Il-kwistjoni fil-kawża tallum, iżda, ma hijiex jekk l-attur għandux interess li jħares ismu, iżda jekk għandux interess li jilleġittimah biex jipproponi l-azzjoni tallum.

Jekk tassew ir-rapport huwa rapport tal-kummissjoni, l-attur ma kienx ikollu rimedju, għax l-art. 18 ta' l-Att dwar il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni ġKap. 326ħ jgħid li ma għandha tittieħed ebda azzjoni legali dwar l-għemil jew il-pubblikazzjoni ta' rapport tal-kummissjoni; dan iżda huwa privileġġ li jħares biss rapporti li huma tassew rapporti tal-kummissjoni, u mhux rapporti oħra. Għalhekk, biex ma jinżammx milli jfittex rimedju, l-attur għandu interess illi juri li r-rapport ma hux tassew rapport tal-kummissjoni.

Billi għalhekk hija tal-fehma illi l-attur għandu l-interess li jilleġittimah biex jipproponi din l-azzjoni, il-qorti tiċħad l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' interess.

It-tieni eċċezzjoni tgħid illi l-art. 3(8) tal-Kap. 326 igħid illi fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha l-kummissjoni ma għandhiex tkun soġġetta għad-direzzjoni jew kontroll ta' xi persuna jew awtorità oħra, u għalhekk din l-azzjoni tallum ma setgħetx issir.

Din l-azzjoni iżda ma hix maħsuba biex il-qorti tidderieġi jew tikkontrolla lill-kummissjoni fil-qadi tad-dmirijiet u s-setgħat tagħha; hija maħsuba biex il-qorti tgħid jekk

[6] *Foll.* 95 *et seq.*

rapport li jidher li huwa tal-kummissjoni huwiex tassew rapport tal-kummissjoni.

Ir-raba' eċċezzjoni tgħid illi l-membri tal-kummissjoni għandhom privileġġ li ma jkunux imġiegħla jixhdu dwar dak li jsiru jafu bih waqt jew għall-għanijiet ta' xi investigazzjoni.

Il-premessi tal-kawża tallum, iżda, huma mibnija fuq informazzjoni mogħtija pubblikament minn Dr Camilleri u minn Dr Azzopardi billi kitbu fil-gazzetti. Jekk għamlux tajjeb jew għamlux ħażin li kitbu fil-gazzetti ma hux meritu tal-kawża tallum, iżda, ladarba l-informazzjoni saret pubblika, l-attur seta' jinqeda biha. Dr Camilleri u Dr Azzopardi ma żiedu xejn ma' dak li qalu fil-gazzetti meta xehdu quddiem il-qorti.

Il-ħames eċċezzjoni hija dwar l-apprezzament tal-fatti, u tgħid illi ma hux minnu li kien hemm irregolaritajiet proċedurali.

Biex korp kolleġġjali jieħu deċiżjoni valida ma hux meħtieġ li d-deċiżjoni jkunu jaqblu magħha l-membri kollha. Fil-fatt, l-attur stess ma hux qiegħed igħid illi d-deċiżjoni ma tiswiex minħabba nuqqas ta' unanimità.

Il-Kummissjoni Permanenti kontra l-Korruzzjoni, iżda, skond il-liġi li waqqfitha, hija magħmula minn tliet membri magħquda f'kummissjoni, u mhux minn tliet individwi li jaħdmu għal rashom u mbagħad igħoddu l-konklużjonijiet biex jaraw hemmx maġġoranza numerika. Ukoll fejn ma jaqblux, il-membri jaslu għal konklużjoni wara li jkunu iddeliberaw flimkien u qiesu l-opinjoni ta' xulxin. Ma jistgħux żewġ membri, għax huma maġġoranza, jimxu bħallikieku t-tielet membru ma jeżistix jew bħallikieku l-opinjoni tiegħu, għax numerikament ma tagħmilx differenza, hija irrelevanti.

Iżda fil-każ tallum hekk jidher li ġara. Id-deċiżjoni effettivament ittieħdet fit-3 ta' Ġunju 1996, meta l-fehma ta' Dr Azzopardi ma kinitx magħrufa u għalhekk ma tqisitx. Jista' jkun illi, li kieku Dr Azzopardi attenda għal dik il-laqgħa, u fisser il-fehma tiegħu liż-żewż membri l-oħra, xorta ma kienx jikkonvinċihom u r-rapport kien jibqa' l-istess. Dan ma jfissirx iżda illi ż-żewġ membri l-oħra setgħu jasumu minn qabel li ma kinux sejrin jibdlu l-fehma tagħhom u għalhekk ma kellhomx għalfejn jisimgħu dak li kellu xi jgħid il-membru l-ieħor.

Il-qorti hija wkoll tal-fehma illi lanqas għandha għalfejn tidħol fil-kwistjoni jekk, fil-laqgħat li saru wara li Dr Camilleri u Dr Testa kienu effettivament adottaw ir-rapport, reġgħetx saret diskussjoni dwar il-meritu, kif igħid Dr Camilleri, jew le, kif igħid Dr Azzopardi. Li hu relevanti hu li żewġ membri kienu ġà waslu għal deċiżjoni bla ma semgħu x'kellu xi jgħid il-membru l-ieħor u illi, kif sewwa qal l-attur, dak li deher li kienet deċiżjoni tal-kummissjoni kienet fil-fatt id-deċiżjoni ta' żewġ membri li ma jikkomponux il-kummissjoni.

Il-liġi ma tridx illi l-kummissjoni timxi jekk mhux bil-parteċipazzjoni tal-membri kollha. Dwar x'għandu jiġri meta membru ma jkunx jista' jattendi, l-art. 3(6) tal-Kap. 326 igħid hekk:

**3.** (6) Jekk il-kariga ta' membru tal-Kummissjoni tkun vakanti jew jekk xi membru għal xi raġuni ma jkunx jista' jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu, il-President ta' Malta li jaġixxi skond il-parir tal-Prim Ministru, mogħti wara li jkun ikkonsulta l-Kap ta' l-Oppożizzjoni, għandu jaħtar persuna li tkun kwalifikata biex tkun maħtura bħala membru biex tkun membru temporanju tal-Kummissjoni, u kull persuna hekk maħtura għandha, bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikoli (4) u (5), tispiċċa milli tkun membru bħal dak malli persuna tkun ġiet maħtura biex timla l-vakanza jew, skond il-każ, malli l-membru li ma setax jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu jirreżumi dawk il-funzjonijiet.

Fil-każ tallum Dr Azzopardi ma setax jaqdi l-funzjonijiet tal-kariga tiegħu bħala membru tal-kummissjoni meta kien imsiefer. Kif jidher mis-sub-artikolu miġjub fuq, il-kummissjoni ma setgħetx timxi minkejja dan in-nuqqas; kellu jew jinħatar membru temporanju jew inkella ma ssir ebda laqgħa sakemm Dr Azzopardi jiġi lura.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma illi r-rapport iffirmat minn Dr Albert Camilleri u minn Dr Carmelo Testa ma jistax jitqies bħala rapport tal-kummissjoni konvenuta. Ir-rapport imsejjaħ "minoritarju" ukoll ma jistax jitqies rapport tal-kummissjoni għax ma għandux l-appoġġ tal-maġġoranza tal-membri, u, ladarba, għar-raġunijiet mogħtija f'din is-sentenza, ma hemmx rapport "maġġoritarju", lanqas ma hemm lok għal rapport minoritarju.

Il-qorti għalhekk, wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kummissjoni konvenuta, taqta' l-kawża billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tgħid illi r-rapporti tas-17 u tal-21 ta' Ġunju 1996 ma jiswewx bħala rapporti tal-kummissjoni konvenuta.
L-ispejjeż ta' din il-kawża għandha tħallashom il-kummissjoni konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------